Minuti tal-laqgħa numru tmienja u għoxrin (28) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju, 2026 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Uffiċjali: | Is-Sur Paul Bugeja | Accountant |

28.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Presedenza u Apoloġiji

Ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

28.02 **Approvar tal-Minuti numru sitta u għoxrin (26)** — Minuti

Il-minuti sarulhom l-emendi li xtaqu s-Sur Rudolph Grima, is-Sur Norbert Grech u s-Sur Nazju Cassar. Dawn bl-emendi tressqu għall-vot mis-Sa Charmaine Balzan u ssekondat is-Sa Graziella Brincat u kienu approvati b'vot unanimu.

28.03 **Skeda tal-Pagamenti numru 382** — Schedule of Payments

L-iskeda tal-pagamenti numru 382 kienet approvata b'vot unanimu bil-proponent u s-sekondant kif jidhru fuq il-kopja oriġinali.

28.04 **Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 99** — Purchase/Works Orders

L-iskeda tax-xiri ta' oġġetti u servizzi numru 99 kienet approvata b'vot unanimu bil-proponent u s-sekondant kif jidhru fuq il-kopja oriġinali.

28.05 **Audited Financial Statements 2025** — AFS

Is-Sur Paul Bugeja spjega l-emendi permezz ta' *Journal Entries* li għamlu l-udituri biex il-*Financial Statements* issa ġew jirriflettu dawn l-emendi. Wara l-ispjega li ta s-Sur Bugeja, dawn tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekonda il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u għaddew *nem con*.

28.06 Offerta pubblika: Lanterni tad-dawl u fence fil-Ġnien tal-Baħrija. — Offerti Pubbliċi

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva l-ħruġ tal-offerta pubblika skont l-istima annessa ta' Tender for the Supply, Delivery, Installation, Testing, Commissioning of Low Light Pollution Decorative Luminaires and Provision and Installation of Protectyion Fence in Ġnien il-Barnuża l-Ħamra, il-Baħrija, ir-Rabat RLC/T/0224/26.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li wara li jinħareġ it-tender u nkunu nafu kemm hi s-somma rikjesta biex isir dan ix-xogħol kollu, ssir applikazzjoni mad-Development Fund fi ħdan l-awtorita tal-Ippjanar biex b'hekk dawn l-ispejjeż ikunu kollha rkuprati mid-Development

Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar. Għal din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

Barra minn hekk kienet approvata wkoll il-Call for Quotations tal-Artistic Director għall-avveniment annwali Rabat Sacrum kif provdut mis-Sur Rudolph Grima lis-SE.

28.07 **Jum (Ġieħ u Rikonoxximenti) ir-Rabat 2026** Ġieħ ir-Rabat 2026

Is-SE spjega kif irnexxielu jagħmel kuntatt mal-persuni li kienu msemmija fis-seduta preċedenti li se jingħatalhom rikonoxximent: is-Sur Jamie Cassar, is-Sur Miguel Bonello Stewart, is-Sur Mychael Bartolo Chircop u s-Sur Ryan Portelli. Ma' dawn il-persuni kienu msemmija wkoll ir-Rabat Ajax under 17 għax ħadu l-promotion, kif ukoll is-Sa Jayana Chircop li rebħet il-Premju Papa Gwanni Pawlu XXIII u s-Slika Butcher li akkwist record tal-itwal zalzetta.

* Fis-7.00pm telaq mil-kamra is-Sur Terrence Sant

Is-Sur Sant tħalla jgħaddi kumment qabel il-Punti Oħra u dan qal illi f'Għajn Qajjet qed jintefà ż-żibel faċċata tal-ħanut tal-Merċa u għaldaqstant se jinġiebu l-quotations biex issir cctv oħra taħdem bix-xemx permezz ta' pannelli

28.08 **Magazine - Ġbir ta' artikli** Magazine

S'issa daħal dak tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus u dak tas-Sa Charmaine Balzan. Is-Sur Nazju Cassar u s-Sa Graziella Brincat qalu li jista' jintuża dak li kienu bagħatu xhur ilu meta kien se jkun mitbuħ il-magazine u imbgħad kien pospost.

** Fis-7.15pm telaq mil-kamra is-Sur Rudolph Grima

28.09 **Imnarja u Festa San Pawl** L-Imnarja u San Pawl

Fil-festa tal-Imnarja se jkun organizzat bħas-soltu il-kunċert annwali u t-tiġrijiet taż-żwiemel u se nkunu qed naħdmu biex norganizzaw speċjalment it-tindif tat-toroq, it-tpoġġija ta' kontenituri addizzjonali u ovjament nidħlu fl-immaniġġjar tal-kabbani u t-traffiku bl-għeluq tat-toroq kollha kemm waqt kif ukoll meta jkun qed jitpoġġa l-armar tal-festa inkluż il-planċieri tal-baned. Il-bejjiegħa tal-Monti se jkunu imfakkra kollha biex ma jarmawx il-kabbani tagħhom nhar San Pawl minħabba l-kabbani li jarmaw fl-istess Triq Santa Rita.

28.10 **SPI/SCI/04/2026 -Finanzjament -Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.** SPI/SCI/04/2026

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li japplika biex issir manutenzjoni fuq Triq Doni peress li din fil-ftit snin li ilha li saret, sfrundat taħt il-piż speċjalment ta' vetturi tqal. Kienu approvati l-BOQ tal-Perit Thomas Tanti biex takkumpanja l-istess applikazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u s'intendi l-parti tal-ko-finanzjament mil-Kunsill. Dwar dan is-sit intqal illi kemm-il darba jitranġa l-pavimentar, se naraw li din it-triq issir waħda pedonali billi jitwaħħlu l-*bollards* f'kull tarf tagħha jew isiru planters biex isebħu iż-żona. Hawn kien hawn qbil unanimu.

| | | |
|---|---|---|
| 28.11 | **Applikazzjoni għall-Fondi Ewropej mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbug EUI04-813-SPARC**<br><br>Din l-applikazzjoni tikkonsisti billi qed ikun propost bini ta' sit fejn jiċċarġjaw ir-roti tal-elettriku, xiri ta' roti tal-elettriku u pannelli biex mix-xemx ikunu ċċarġjati l-istess roti. Peress li kellna d-data ta' din il-laqgħa posposta minħabba nuqqas ta' quorum, applikajna ma' Ħaż-Żebbuġ biex nilħqu napplikaw qabel l-iskadenza ta' din l-istess applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja taħt il-programm *European Urban Initiatives.* Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-pass. | European Urban Initiative |
| 28.12 | **Punti Oħra** | |
| 28.12.01 | Is-Sur Nazju Cassar qal illi ma nistgħux noħorġu *direct orders* kif qed isir fil-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ għaliex ma tistax taqsam il-valur biex tevita li tinħareġ tender. Għaldaqstant se ssir talba lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika u l-Manutenzjoni sabiex ninkludu addendum mal-kuntratt biex tkun koperta iz-zona rurali wkoll. | Qtugħ tal-Ħaxix Selvaġġ |
| 28.12.02 | Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-pavimentar tal-proġett il-ġdid li ser jiskatta fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill kien iffirma MOU mal-Awtorita tat-Turizmu biex jippavimenta Triq Bir Iljun Triq San Martin. Se jsiru wkoll Triq Zondadari u Triq ir-Repubblika. Is-Sindku ssuġerixxa biex jinqatgħu l-ipparkjar tal-karozzi billi jerġgħu jitwaħħlu l-bollards mil-ġdid biex ma jitħalliex aċċess għall-vetturi u jsiru planters ħa jsebħu l-ambjent. | Pavimentar |
| 28.12.03 | Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett Vjal Kulħadd tas-Saqqajja. Hu qal li t-tieni fażi hija kważi kompleta u qed isiru l-aħħar xogħlijiet qabel jibdew ipoġġu l-madum fuqha. Hu kompla jgħid illi dan ix-xogħol mhux mistenni jfixkel l-attività annwali tal-Kunċert tal-Imnarja. Peress li nqala' ħafna trab minħabba l-iskavar hu informa lil dawk preżenti li l-KLR se jnaddafha u se jaħsel il-Pjazza. | Vjal Kulħadd |
| 28.12.04 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri bir-restawr li qed isir fuq iz-zuntier (San Pawl taż-Żurżieqa) tal-Parroċċa. Hu qal li instab it-taraġ oriġinali waqt ix-xogħlijiet u hemm pjanat li t-taraġ oriġinali jerġa jiġi reconstructed. Instabu ukoll diversi għadam fil-madwar u riżultat ta' hekk ix-xogħol kellu jieqaf sakemm isiru l-istudji neżessarji. Fil-proċess inqalà l-konkos li kien miżbuħ bl-aħmar u s-sit ġej imsebbaħ bil-pjanti u arbuxelli. | Restawr taz-Zuntier |
| 28.12.05 | Is-Sur Norbert Grech tkellem dwar talba biex tinżebah il-gazebo fil-ġnien tal-Baħrija biex tkun protetta. Is-Sur Pawlu Grech intervjena u qal li dan ix-xogħol se ssir mil-ħaddiema tat-*Tourisim Zone* kif diġa' qed isir fuq l-għamara kollha mhux biss tal-Baħrija, iżda wkoll fuq dik ta' Għar Barka u l-parkeġġ tar-Rabat. | Gazebo |
| 28.12.06 | Is-Sur Norbert Grech talab biex jinżabru s-siġar taċ-ċawsli li hemm fi Triq Bieb ir-Ruwa fejn tal-irħam u dawk tal-Fiddien. | Żabra |
| 28.12.07 | Is-Sur Norbert Grech talab biex jitkomplew jinżebgħu il-marki tat-traffiku fi Triq il-Qastan fejn il-flats. | Road Markings |

28.12.08 Is-Sur Norbert Grech ~~Norbert~~ tkellem dwar talba li rċieva l-KLR biex tingħata għajnuna finanzjarja biex persuna ttella' wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Baħrija. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li din tista' toħloq preċedent peress li jittellgħu diversi wirjiet privati. Però se ngħinu billi ninkludu l-wirja ta' dan l-individwu permezz ta' *flip book* li s-soltu jippreparaw ir-Reġjun Punent.

Għajnuna Finanzjarja lil non-NGOs

28.12.09 Is-Sur Norbert Grech ippropona *traffic lights* fi Triq Bieb ir-Ruwa fejn tal-irħam. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li din irridu nagħmluha item fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss peress li TM trid li anke għall-ewwel darba, dawn isiru mil-Kunsilli Lokali.

Zebra Cross

28.12.10 Is-Sur Norbert Grech issuġġerixxa biex jinqatà l-ħaxix selvaġġ f'Ta' Koronja

Ħaxix Selvaġġ

28.12.11 Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq il-lampa li nqalgħet biex telgħet binja fi Triq il-Ġarġir. Dan qed iwassal biex ir-residenti qed igergru għax ma hemmx biżżejjed dawl fit-triq. Is-Sindku qal li dan hu riżultat li huma ma jridux lampi mal-faċċata tagħhom kif kienu obbligati li jagħmlu meta tellgħu l-binja l-ġdida. Hu qal li fuq in-naħa l-oħra tat-triq m'hemmx linji.

Nuqqas ta' dawl tat-triq

28.12.12 Is-Sur Norbert Grech talab *sleeping policemen* fl-*outskirts.* Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li dawn qed jaqalgħuhom nies irresponsabli. Għaldaqstant hu ssuġerixxa li dawn iridu jsiru skont l-ispeċifikazzjonijiet ta' TM u bil-qatran.

Sleeping Policemen

28.12.12 Is-Sur Nazju Cassar talab sabiex jissaqqew is-siġar fi Triq Godwin Ganado f'Tal-Virtù u biex jittella' ċint fi Triq tal-Virtù quddiem il-Palazz.

Tal-Virtù

28.12.13 Is-Sur Norbert Grech kien ikkupjat bil-korrispondenza li rċieva l-KLR fi Triq ir-Rgħajja fejn kien hemm allegat teħid ta' droga viċin il-lukanda Verdala. Dan il-każ għaddejnih f'idejn il-Pulizija.

Drogi

28.12.14 Is-Sur Pawlu Grech ippropona li jitħallsu tliet kenniesa mil-flus tal-kunsill tal-overtime li kienu għamlu fil-Ġimgħa l-Kbira u baqgħu ma tħallsux għalih mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika u l-Manuenzjoni. Għal dan ma kienx hemm oġġezzjoni.

Overtime mil-kenniesa

28.12.15 Is-Sa Graziella Brincat talbet biex isir fence fuq l-appoġġ tal-ħajt tal-Bandli fi Ġnien Bir Iljun. Dan għaliex qed jitilgħu it-tfal fuq il-ħajt u jittawwlu fil-proprjetà ta' terzi. Is-Sindku propona li jinġiebu l-istimi.

Fence tal-Ħadid

28.12.16 Is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Rudolph Grima talbu sabiex il-laqgħat tal-Kunsill ikunu irrekordjati.

Recordings tal-laqgħat

28.13 **Appuntament għas-seduta li jmiss**

Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm u dik li jmiss se ssir nhar it-22 ta' Lulju, 2026 fil-5.30pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 ta' Lulju, 2026 minn Sandro Craus
Segretarju Ezekuttiv Sindku